MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru 16/2009

**Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Joseph Cutajar**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Cutajar ta’ 29 sena, bin Emmanuel u Felicja nee’ Cassar, imwieled San Giljan nhar l-1 ta’ Ottubru, 1979 u residenti Flat 6, Belle Veder Residence, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 528879(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fix-xhur ta’ qabel it-13 ta’ Dicembru 2008, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq t’oggetti ta’

dekorazzjoni minn gewwa l-fond Leaf Ltd, Triq l-Imdina, Qormi, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna ; u aktar talli

2. Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt.

Lill-omissis wahdu talli nhar it-13 ta' Dicembru u 15 ta' Dicembru 2008, ikkommetta serq t'oggetti ta' dekorazzjoni minn gewwa l-fond, Leaf Ltd, Triq l-Imdina, Qormi liema serq huwa kwalifikat bil-persuna.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Jannar 2009 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-26 ta' Mejju 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali netta, l-fatt li rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u kkunsidrat c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 268 u 49A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Joseph Cutajar hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputat inkondizzjonalment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------